# Il-Ħuttafa

Numru 140

Mejju - Ġunju 2017



Bugeddum t'Ghawdex

€2 ghal min mhux membru

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf



# Ħbieb Ħuttaf



Victor Falzon

**Mazzarell Skarlat**
Mazzarell komuni. Din hija mara, ir-raġel ikun aħmar nar.

## mill-editur

Fin-natura nsibu diversi każi fejn annimali jikkawżaw xi ħsara fis-siġar. Il-*woodpeckers* iħaffru l-ħofor fiz-zkuk biex ibejtu fihom. Il-*beavers* jaqtgħu siġar żgħar biex jibnu għarix fejn jgħixu. L-iljunfanti jimbuttaw u jwaqqgħu xi siġar dgħajfin biex jilħqu l-weraq. Il-frieħ ta' diversi ħanfus igerrmu u jieklu l-għeruq ta' xi siġar.

Is-siġar veru li ssirilhom ħsara u kultant anke jmutu b'din l-attività mill-annimali. Imma għall-inqas l-annimali jagħmlu dan għall-bżonn: min biex jiekol, min biex isib kenn, min biex jibni daru.

Annimal wieħed **biss** jagħmel ħsara lis-siġar għal xejn b'xejn: il-bniedem!

Issa l-bniedem suppost li hu l-iktar annimal intelliġenti fid-dinja. Suppost nafu s-siġar kemm għandna bżonnhom. Għalhekk meta nisma' b'aħbar bħal ma ġara f'Foresta 2000 ftit jiem ilu (paġna 3) jagħtini li nħabbat rasi mal-ħajt mitt darba.




Victor Falzon

Issa x'ħa l-baħnan li qaċċat dak iż-żebbuġ?! Ma tgħidx seraqhom bl-għeruq b'kollox u mar ħawwilhom fl-għalqa tiegħu! Le, kull ma għamel ħanxarhom u ħallihom hemm.

Forsi ħa gost? Intom tifhmu kif xi ħadd jista' jieħu gost billi jneħħi l-ħajja ta' xi ħaġa oħra? Għax jien ma nifhimhiex din.

Għalkemm żgħar, dawk is-siġar kienu diġà qed jiffurmaw parti min-nisġa tal-ikel u jifirxu dlielhom u joħolqu ħabitat kenni taħthom. Issa ma baqa' xejn ħlief ħamrija mikxufa tikwi fix-xemx.

Għandu b'xiex jiftaħar il-vandalu li faqqar lil pajjiżna ftit iktar.




Saħħa ħbieb. Nixtiqilkom vaganzi tal-ġenn.

Victor
**Victor Falzon** L-Editur

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' **Gilbert Haber**

Il-**Bugeddum t'Għawdex** (Sicilian Shrew *Crocidura sicula*) huwa wieħed mill-ftit mammiferi fil-fawna ta' pajjiżna. Jiekol insetti, ħniex, bebbux, eċċ. Mhux faċli tarah għax mistħi u żgħir – huwa fost l-iżgħar mammiferi fid-dinja. Dan l-annimal jinsab biss f'Għawdex u fi Sqallija (dari kien jinsab ukoll f'Malta imma llum estint). Protett bil-liġi.



BirdLife MALTA

## X'għandna f'dil-ħarġa?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **2** |
| **Aħbarijiet** | **3** |
| **Paniku fil-ġnien** | **4** |
| **Wiċċinu** | **5** |
| **Isqi 'l min hu bil-għatx!** | **5** |
| **In-Nemel** | **6** |
| **Is-Sajfin** | **7** |
| **Biex tara iktar għasafar** | **8-9** |
| **Il-Bufula tal-Imrewħa** | **10-11** |
| **Kemm idumu?** | **12** |


## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt


tel **21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


Reg.Vol.Org. VO/0052

© BirdLife Malta, Ġunju 2017


Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop


Isimgħu l-programm
**"Naturali"**
fuq **Radju Marija**
kull nhar ta' **Ħadd** fis-**1pm**





Veerle van Werde

# Delitt fil-Foresta

Nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2017 il-gwardjan ta' Foresta 2000 kien qed idur il-post kif jagħmel regolarment, u sab xena ta' qsim il-qalb. F'post fejn kienet qed tikber medda siġar taż-żebbuġ sab mhux inqas minn 36 siġra, ilkoll maqtugħin u mixħutin fl-art qed jinxfu.

Il-vandalu li qata' dawn is-siġar ma qalagħhomx mill-għeruq imma uża xi għodda biex qatagħhom. Il-BirdLife irrappurtat il-każ lill-pulizija, li ġew jinvestigaw.

Dawn is-siġar kellhom xi 10 snin u kienu tħawlu hemmhekk fl-2009. Għalkemm żgħar kienu qed jikbru ġmielhom u uħud minnhom kienu diġà għamlu l-frott.

Din ma kinitx l-ewwel darba li sar vandaliżmu f'Foresta 2000.

Hemmhekk hemm lista sħiħa.



Veerle van Werde

## Litanija ta' vandaliżmu

### Ħsarat li saru f'Foresta 2000

**1 Settembru 2004**
Jinqatgħu jew jitqaċċtu xi 100 siġra u jitkissru tabelli u rixtellu

**4 Jannar 2005**
Jinsterqu jew jitqaċċtu iktar minn 50 siġar u arbuxxelli

**4 Lulju 2006**
Jingħata n-nar lill-ħaxix niexef, b'xorti tajba jiġi kkontrollat

**6 Lulju 2006**
Jingħata n-nar lill-ħaxix niexef, b'xorti tajba jiġi kkontrollat

**1 Settembru 2006**
Jingħata n-nar lill-ħaxix niexef, b'xorti tajba jiġi kkontrollat

**9 Mejju 2007**
Jinqatgħu jew jitqaċċtu 3000 siġar u arbuxxelli

**14 April 2009**
Xi ħadd jispara għar-rejnġer tal-Foresta u jolqtu f'wiċċu

**26 April 2010**
Jinqatgħu jew jitqaċċtu 104 siġar u arbuxxelli.

**12 Ġunju 2017**
Jinqatgħu 36 siġra taż-żebbuġ

Qatt ma nqabad ħadd ħlief tas-26 ta' April 2010, fejn inkixef li l-vandali kienu tliet kaċċaturi. Dawn tressqu l-qorti u weħlu multa.

Grazzi lil **Ray Vella** għal xi tagħrif.

# Staġun ieħor suċċess għall-Fras-servjenti



Aron Tanti

Dir-rebbiegħa reġgħu bejtu l-Fras-servjenti fir-riserva naturali tal-Għadira. Hawn huma t-tliet frieħ ta' dis-sena, friski friski u lesti biex itajru.

Fras-servjent
Black-winged Stilt
*Himantopus himantopus*

Il-frieħ tar-ritratt għandhom xi erba' ġimgħat. Ir-rix tal-ġwienaħ ikun kiber u twal biżżejjed biex jibdew jitgħallmu jtiru. Sa ma jaslilkom dal-magażin dawn it-tliet aħwa jkunu jaf jtiru sew. U jaqblilhom, għax dalwaqt iridu jpassu lejn l-Afrika!

Miskin, daż-żgħiru ma jiflaħx?

'Qas xejn! Dak qed jieħu nagħsa fix-xemx!



is-Semmiegħa

**Peter u Sylvia, Maris u Sky huma żewġ pari tewmin ħbieb b'rabta speċjali bejniethom: jekk jaqbdu id xulxin jibdew jifhmu x'inhi tħoss in-natura!**

# Paniku fil-ġnien!

Kienu għaddew xahrejn mindu l-erba' tewmin saru jafu li kellhom poter speċjali. Eċitati b'din l-iskoperta, Peter u Sylvia bdew jintefgħu iktar ma' Maris u Sky, isibu roqgħa natura u jgħaqqdu jdejhom ħalli jisimgħu l-mijiet ta' ilħna differenti ġejjin mill-annimali u l-pjanti ta' madwarhom.

Kien wasal Diċembru. Maris u Sky stiednu lil Peter u lil oħtu d-dar tagħhom biex jiltaqgħu mal-Mamà. L-ewwel ma laqagħhom kien Ċips, il-qattus tal-familja, li qagħad idur u jinħakk ma' saqajhom għall-fsied. Wara kwarta jistħu u jwieġbu l-mistoqsijiet ta' omm il-ħbieb tagħhom, Peter u Sylvia talbu jistgħux joħorġu fil-ġnien.

"Il-aħwa kemm għandkom siġar!" stagħġbet Sylvia, li minħabba li isimha kien ifisser 'bosk', ħasset rabta speċjali mas-siġar.

"Veru, x'daqsxejn ta' ġnien għandkom," qabel Peter, hekk kif inxteħet fuq bank jitpaxxa bil-ħdura ta' madwaru.

Wara ftit ħin, l-erbgħa ħarsu lejn xulxin bħallikieku riedu jgħidu "Ningħaqdu?"

Maris u Sky ħatfu id l-oħrajn għax kellhom ġenn biex ikunu jafu s-sigrieti tan-natura fil-ġnien tagħhom.

Lanqas għaddiet minuta li t-tfal ma semgħux ħafna twerżiq ġej min-naħa l-oħra tal-ġnien.

*"Ajma! Ajma! Qabadni! Lanqas rajtu!"*

*"Tiru! Tiru! Warrbu minn hemm!"*

Id f'id, it-tfal qamu malajr minn fuq il-bank u ġrew lejn l-għajjat biex jaraw x'inqala'. Nieżel minn ma' siġra taż-żebbuġ raw lil Ċips b'għasfur żgħir f'ħalqu. Il-qattus resaq lejn Sky biex jagħtihulu rigal!

"Le Ċips!" għajtet Maris, "X'għamilt!"

Sky ħeles malajr lill-povra bufula sewda minn ħalq il-qattus. B'xorti tajba l-għasfur ma kellu xejn gravi u kien biss tilef ftit rix. Kif Sky fetaħ idu, il-bufula taret lura fis-siġar tirkupra mix-xokk.

L-erba' tewmin issa kienu nkwetati.

"X'se nagħmlu?" staqsiet Maris. "Lil Ċips mhux se nispjagawlu li ħażin jagħmel hekk, għax dak l-istint tiegħu."

"Naf!" qabżet Sylvia. "Agħmlulu kullar bil-ġonġol ħalli meta Ċips ikun fil-ġnien u jipprova jaqbad għasfur, il-ġonġol iċenċel maċ-ċaqliq tiegħu u l-għasafar jisimgħuh ġej."

It-tfal daħqu, kuntenti bis-soluzzjoni ta' Sylvia. Mill-għada stess il-buful u l-għasafar l-oħrajn setgħu jgħixu bil-kwiet fil-ġnien ta' Maris u Sky. Malajr drawh il-ħoss tal-ġonġol ta' Ċips, u meta jisimgħuh kienu fil-pront itirulu fejn ma jilħaqhomx!

Victor Falzon






# Wiċċinu

**Aħbarijiet sbieħ u koroħ mid-dinja tal-ambjent**

## Park parkun!



Douglas Tompkins u l-mara tiegħu Susie kienu koppja sinjuruni li għamlu flushom mill-kumpaniji li fetħu, fosthom id-ditta The North Face. Dawn iddeċidew li flushom jonfquhom biex jgħinu lin-natura. Għalhekk xtraw fiċ-Ċile biċċa art enormi kollha muntanji, foresti niedja, xmajjar u għadajjar, biex isalvawha mill-iżvilupp. Ftit ftit komplew jixtru art madwar sa ma kellhom area ta' 4000$km^2$. Sejħulha Pumalin Park u għalkemm kien privat ħallewh dejjem miftuħ għall-publiku.

F'Marzu li għadda l-armla ta' Tompkins (li kien miet f'diżgrazzja) tat lura dan il-park lill-Gvern Ċilen biex igawdih kulħadd. Għamlitlu kundizzjoni waħda: li jibqa' protett għal dejjem. Il-President taċ-Ċile mhux talli laqgħet din l-għotja ġeneruża, imma żiedet mal-park roqgħa art disa' darbiet ikbar u ħolqot park enormi ta' 40,000$km^2$. Park daqs l-Isvizzera! Nies bis-sens, Wiċċinu! Nies bis-sens.

## Miskin it-Teddy Bear!



Kulħadd jiggustahom il-koalas. X'ma tiggustahomx, qishom *teddy bears* ta' veru! Imma f'ħafna nħawi tal-Awstralja tant qed jinqatgħu foresti – li huma l-ħabitat tal-koalas – li dawn l-annimali qed jonqsu sew. Fi New South Wales naqsu bi kwart u fi Queensland naqsu b'iktar min-nofs.

Il-koala huwa endemiku għall-Awstralja. Jekk jispiċċa minn hemm, jispiċċa mid-dinja. Oħroġ il-maktur, Wiċċinu!

## Ħafna iktar siġar!



Ftit ilu x-xjenzati li jistudjaw wiċċ id-dinja ħadu sorpriża sabiħa meta sabu li fid-dinja hawn ħafna iktar siġar milli kienu jaħsbu. Dan sabuh bis-saħħa tar-ritratti tas-satelliti, li llum juru ħafna iktar dettall minn qabel. Dawn il-meded ta' siġar sabuhom f'inħawi b'art x'aktarx niexfa, inkluż fl-Awstralja, fl-Afrika t'Isfel, fil-Brażil, fil-Mediterran, madwar id-Deżert Saħara. B'kollox jgħaqqdu total ta' 4.6miljun $km^2$ – qed ngħidu medda daqs l-Unjoni Ewropea! Oħroġ il-vuvużela, Wiċċinu!

# Isqi 'l min hu bil-għatx!



**Issa li bdiet is-sħana u kullimkien niexef qoxqox tajjeb naħsbu ftit f'dawk l-annimali li bħalna jaqbadhom l-għatx. Fin-natura ħafna annimali jieħdu l-ilma li għandhom bżonn mill-ikel li jieklu. Imma f'nixfa kbira, anke dawn ibatu minn nuqqas ta' ilma.**

**Fost dawn hemm il-qanfud, annimal li kulħadd iħobbu imma li ħloqnielu ħafna perikli bit-toroq fil-kampanja.**

**Jekk id-dar tiegħek qiegħda ħdejn il-kampanja, jew taf li fl-inħawi tagħkom joħorġu l-qniefed filgħaxija, armalhom bieqja baxxa bl-ilma x'imkien fejn isibuha. B'hekk il-qniefed ukoll ikunu jistgħu jaqtgħu l-għatx f'dan l-istaġun xott. Imlihielhom regolarment, eh!**

**Kieku jitkellmu, żgur jgħidulek grazzi.**

Poġġi zokk żgħir fl-ilma u middu ma' xifer il-bieqja. B'hekk jekk fl-ilma jaqa' annimal żgħir bħal nemla jew ħanfusa, isib ma' xhiex jitla'.

F'dar-ritratt minbarra n-nemla jidhru wkoll xi afidi (*aphids*), li huma wkoll insetti.

# in-Nemel

Desirée Falzon



Nemla Rasha Ħamra, *Crematogaster scutellaris*

Ħafna drabi n-nemel inqisuh xi ħaġa li rridu neħilsu minnu, anke meta dan ikun qed jgħix għall-affari tiegħu fil-bitħa jew fil-ġnien. Imma qatt waqaft tosserva ftit kif jgħixu? In-nemel kapaċi jagħmel affarijiet li l-bniedem ma joqgħodx ħdejhom!

In-nemel huma insetti. Bħal insetti oħra ġisimhom huwa maqsum fi tlieta, għandhom sitt saqajn u par antenni.




Liema waħda hija l-vera nemla?

Tweġiba isfel.

## X'saħħa dik!




Minkejja li żgħir, in-nemel ħafna iktar b'saħħtu minna. Nemla kapaċi terfa' piż **50 darba t-toqol tagħha**. U terfgħu mhux b'dirgħajha imma tuża par xedaq (*mandible*) li għandha quddiem ħalqha. Immaġinak terfa' iljunfant – bi snienek! Anke Superman ixoqqlu l-għaraq!

## Familja numeruża!

Hemm ħafna tipi ta' nemel, uħud jgħixu fis-siġar, oħrajn fil-ħamrija, uħud fix-xquq fil-ġebel, oħrajn f'injam mejjet. Grupp nemel ikollu **reġina** (li xogħolha tbid il-bajd) u mijiet u anke eluf ta' ħaddiema. Dawn ifittxu ikel li jinkludi ħaxix, weraq, żrieragħ, u fdal ta' annimali żgħar mejtin. Xi nemel anke jattakka annimali ħajjin.



Tweġiba isfel.

Kemm jeżistu speċi ta' nemel fid-dinja?

- ☐ 120
- ☐ 1200
- ☐ 12,000

## Servizz kbir

In-nemel jagħmel ħafna ġid lin-natura. Dan jinkludi...

- Imexxi ż-żerriegħa taħt l-art minn fejn imbagħad tinbet
- Inaddaf l-ambjent minn annimali mejtin
- Iservi ta' ikel għal ħafna annimali oħrajn
- Jagħmel il-kompost
- Meta jħaffer jgħin l-arja tidħol fil-ħamrija.

## Kif nista' ngħin lin-nemel?

- Taqtax fjuri slavaġ. Iż-żrieragħ tagħhom huma ikel tan-nemel.
- Toqtolx nemel li mhux qed jagħmel ħsara fid-dar tiegħek.
- Tqabbadx nirien fil-ħamrija.

## Nemel gwida

Meta nemla ssib l-ikel, tħalli riħa mal-art. Nemel oħrajn viċin ixommu dir-riħa bl-antenni tagħhom u jsegwuha. Minħabba li "r-reffiegħa" ma jistgħux jaraw fejn sejrin, nemel oħrajn jimxu quddiemhom biex jiggwidawhom!

Tweġibiet Ċ • 12,000






Desirée Falzon



Aron Tanti

Meta nsemmu l-fjuri l-istaġun li jiġi f'moħħna huwa r-rebbiegħa. Veru li ħafna fjuri jiftħu fir-rebbiegħa, imma mhux kollha. Diversi pjanti sbieħ ikunu bil-fjuri f'Ġunju u Lulju, u hawnhekk ġibna sebgħa minnhom.



Victor Falzon



Alex Casha



Victor Falzon

Qabbel ir-ritratti mas-sentenzi, u ikteb isimhom fil-kaxxi taħt ir-ritratti. Meta toħroġ ara kemm tilmaħ minnhom.






Aron Tanti



Desirée Falzon



**Widnet il-Baħar** għandha fjura qisha pompom roża.

Is-**Sagħtar** arbuxxell baxx li jinkesa bi fjuri vjola.

Il-**Virgi** tagħmel fjuri vjola saff fuq ieħor fuq lasta twila.

Il-**Kappara** tagħmel fjura qisha murtal tal-festa qed jiftaħ!

Is-**Sedum** jagħmel fjuri sofor ċari fuq lasta twila kannella.

Il-**Bużbież** jagħmel fjuri f'bukketti sofor qishom umbrella.

Il-**Pankrazju** jagħmel fjuri bojod kbar b'sitt petali.

Tweġibiet 1. Virgi • 2. Kappara • 3. Pankrazju • 4. Bużbież • 5. Sagħtar • 6. Sedum 7. Widnet il-Baħar

**Martin Austad** jagħtina pariri biex jgħinna nsiru berdwoċers.




Fl-aħħar ħarġa ġibna xi suġġerimenti biex jgħinuk tagħraf l-għasafar li tara. Hemm iżjed *tricks*, li mhux biss jgħinuk tagħrafhom, imma jgħinuk ukoll tara iżjed għasafar u tarahom aħjar. Ħafna drabi dawn jinvolvu kif inġibu ruħna.

# Biex tara iktar għasafar...

L-imġiba tal-berdwoċer fl-ambjent naturali tgħin mhux biss lill-istess berdwoċer imma anke lill-għasafar. Meta ġġib ruħek kif suppost inqas ħa tgerrex għasafar, u b'hekk jitħallew jieklu, jistrieħu u jbejtu bil-kwiet. Ftakar li int qed iżżur l-ambjent tagħhom, għalhekk qis li ma tħallix impatt negattiv f'darhom.

## Baxxilu!

Meta tkun berdwoċing żomm il-kwiet. Veru li jekk tara tajra speċjali jkollok ġenn biex tgħajjat lil sħabek ħalli jiġu jarawha huma wkoll. Imma jekk tagħmel hekk x'aktarx li l-għasfur ħa ttajru u tispiċċa la int u lanqas sħabek ma jarawh sew.

Ittrenja lilek innifsek biex ma tagħmilx ħoss waqt li timxi, u tilbisx żarbun iżaqżaq. Xi ħwejjeġ ta' drapp sintetiku jħaxwxu meta timxi. Dan mhux biss igerrex l-għasafar imma lanqas ma jħallik tisma' l-għajjat u għana tagħhom. Iċċekkja wkoll għal ċwievet jew flus iċekċku fil-but, jew għandekx mowbajl b'*ringtone* li jqajjem il-mejtin!



Sikket dak il-mowbajl



Tilbisx ħwejjeġ jgħajtu.

## Ara x'int liebes!

Jekk tkun liebes ħwejjeġ b'kuluri jgħajtu tista' mhux timxi bil-mod u fil-kwiet għax x'aktarx li l-għasafar jikxfuk u jitilqu ħafna qabel int biss tilmaħhom! Għalhekk ipprova ilbes ħwejjeġ b'kuluri li jaqblu mal-ambjent li tkun fih, u evita kuluri jgħajtu. Tista' wkoll tilbes beritta jew kappell li jitfgħu dell fuq wiċċek, u fl-istess ħin tevita xi xemxata!

## Ikkalma!

Movimenti mgħaġġlin ukoll igerrxu l-għasafar. Għalhekk imxi bil-mod u jekk se tqum minn bilqiegħda tqumx f'salt. Anke biex taqbad it-tromba jew il-kamera, agħmel dan mingħajr skossi u bil-kalma kemm jista' jkun.




## Sparixxi!

Meta timxi pprova li jkollok siġar, ħajt tas-sejjiegħ jew xi għolja warajk, għax jekk taqta' kontra s-sema tagħti ħafna iżjed fil-għajn.

Jekk għasfur tersaq lejh bil-mod, ħafna drabi jirnexxielek tersaqlu mhux ħażin u tkun tista' tgawdih aħjar. Imma tersaqx iż-żejjed, wara kollox għalhekk għandek it-tromba. Jekk tajra tkun għajjiena wara passa twila, ma jkollhiex aptitek toqgħod ittajjarha kull fejn din tipprova tieqaf biex tistrieħ jew tnaqqar xi ħaġa tal-ikel.

Jekk biex tersaq viċin ħa jkollok tgħaffeġ veġetazzjoni naturali, tagħmilhiex. Żomm kemm tista' mal-passaġġi: biex naraw għasfur mhux sew neqirdulu l-ħabitat naturali li jiddependi minnu.

## Attent għad-dawl!

Xemx faċċata tiegħek jew wara l-għasfur hija l-akbar għadu biex tagħraf l-għasafar. Id-dawl f'għajnejk flok jgħinek jgħammxek u l-għasfur jidher iswed (silwett). F'dawl batut ukoll tajra jaf tidher ikbar jew iżgħar u l-kuluri ma jidhrux tajjeb.

Ovvjament fuq dan m'għandekx kontroll, m'hemmx wisq x'tagħmel ħlief li tipprova forsi ddurlu bil-mod biex iġġib d-dawl favurik.

Meta tkun sejjer mixja ipprova ppjanaha b'mod li jkollok ix-xemx warajk fil-mixi. Jekk se timxi filgħodu sib rotta mil-lvant għall-punent, jekk wara nofsinhar sib rotta mill-punent għall-lvant.



F'dawl ħażin tafdax lil għajnejk!



Hekk aħjar!

## Tinsiex tħares!

Ħaġa oħra li spiss ninsew meta nimxu fil-kampanja, hu li nħarsu 'l fuq. Faċli nkunu mehdijin naraw fejn ħa nqiegħdu saqajna li bilkemm nittawlu 'l fuq, u jistgħu mhux itiru merilli u tajr isfar quddiemna għax ma narawhomx!

Jekk tkun f'mogħdija mħarbta li ma ttikx għażla oħra milli tara fejn qed miexi, f'dal-każ ieqaf spiss u ħares 'il fuq. Ħalli l-ħarsa toqgħod, għax mhux dejjem tinduna b'xi ħaġa mill-ewwel.

Tistenniex dejjem li tara l-għasfur biex tuża t-tromba. Għarrex fil-bogħod u fittex, dan ngħidulu *scanning*. Spiss tara berdwoċers bit-tromba ma' għajnejhom u meta tistaqsiehom x'qed jaraw jgħidulek, "Le xejn, qed niskenja." Tajjeb tiskejna siġar imbegħdin għal tajr qiegħed kif ukoll fis-sema għal xi tikka fis-sħab li meta tersaq iżjed tkun xi kuċċarda.

## Ħu ħsieb il-ħin

Fl-aħħar nett: il-ħin. L-għasafar ma jżommux l-istess livell ta' attività mal-ġurnata kollha. Pjuttost ikunu iżjed attivi filgħodu kmieni, u għalhekk aħna l-berdwoċers nippruvaw inqumu magħhom!

Jekk tqum kmieni jkollok ukoll il-vantaġġ li l-arja tkun iżjed ċara qabel ma tibda s-sħana li tnaqqas ħafna l-viżibiltà. F'Malta l-kampanja malajr timtela bin-nies speċjalment il-Ħadd wara nofsinhar, u jaqbillek tbakkar qabilhom għax ftit nies jafu jgawdu n-natura fil-kwiet!

Issa jekk qed timmaġina li għall-berdwoċing trid bilfors tissettja l-iżveljarin għall-5am, u qed tibda taqta' qalbek, m'għandekx għalfejn. L-għasafar żgħar jerġgħu jsiru attivi qabel l-għabex u ċertu pases ta' tajr jaslu iżjed wara nofsinhar. F'Settembru, li kull berdwoċer Malti jkun ħerqan għalih, l-aqwa ħin tal-ġurnata hu wara nofsinhar meta jidħol numru kbir ta' tajr tal-priża. Dan jaf jgħodd ukoll għar-rebbiegħa.

Għalhekk hi kwistjoni li titgħallem fejn u meta għandek tmur. Imma jekk ikollok ċans oħroġ ikun x'ikun ir-riħ, it-temp u l-ħin, għax xi ħaġa jaf tinzerta dejjem. Anke daż-żmien tas-sajf tista' tgawdi l-għasafar, speċjalment dawk li jbejtu f'pajjiżna, bħall-Bilbla, ir-Rundun u ż-Żanżarell tat-Tikek.

Tpinġija Victor Falzon

Aron Tanti

# il-Bufula tal-Imrewħa

Victor Falzon

**Għasfur żgħir, anke ħdejn Għasfur tal-Bejt jidher nanu! Sas-Snin Sebgħin kien għadu għasfur tal-passa x'aktarx skars, imma wara li beda jbejjet infirex ftit ftit ma' Malta u Għawdex. Illum huwa komuni u l-għanja tiegħu tinstema' f'ħafna nħawi tal-kampanja. Il-Bufula tal-Imrewħa hija l-iżgħar għasfur li jbejjet f'pajjiżna.**



Waqt li jtir iħobb jiftaħ denbu bħal imrewħa. Din id-drawwa tatu l-isem Bufula tal-Imrewħa. Ħafna berdwoċers Ingliżi wkoll jafuh bħala *Fan-tailed Warbler.*

Munqaru rqiq u qisu pinzetta – biċċa għodda tajba biex jaħtaf insetti rqaq minn qalb il-weraq.

Mhux għasfur ta' ħafna kuluri. Ir-raġel u l-mara jixxiebħu ħafna.

**Isem xjentifiku** *Cisticola juncidis*
**Isem bl-Ingliż** Zitting Cisticola
**Daqs** 10ċm **Piż** 7-9g
**Ikel** brimb u insetti
**Ħabitat** beraħ, raba', ħaxix għoli
**Status** komuni, residenti s-sena kollha

Guido Bonett






Il-bajd tal-Bufula tal-Imrewħa jvarja fil-kulur u anke fl-għamla. Dawn huma bajd minn 12-il bejta differenti.

Il-bajd f'dar-ritratt huwa minn kollezzjonijiet li hemm fil-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali fl-Imdina. Ojj! Ara jfettlilkom tmorru tferkxu f'xi bejta għax tħarbtu familja għasafar. U tkunu qed tiksru l-liġi wkoll.

Dan huwa d-daqs proprju tal-bajd!



André Raine

Il-Bufula tal-Imrewħa tibni bejta speċjali qisha buqar fond bl-għonq wiesa'. Jibnuha minn materjal artab, bħal xi żrieragħ, għanqbut, rix u anke suf tan-nagħaġ. Din jorbtuha qalb ħaxix twil jew arbuxxell u fiha l-mara tbid xi 4 jew 5 bajdiet.

L-ewwel bejta tal-Bufula tal-Imrewħa nstabet fl-1973 minn membri tal-BirdLife.



Aron Tanti

Ferħ li għadu kemm tajjar. Bħal ħafna għasafar oħrajn, il-ferħ tagħrfu għax ma' munqaru jkollu bħal xifer safrani.

Meta ngħidu **"għasfur tajjar"** jiġifieri ferħ li jkun tgħallem itir.

Żewġ ikliet fuq il-menu tal-Bufula tal-Imrewħa: (A) brimba u (B) ġurat. X'aktarx iż-żewġ għasafar tar-ritratt kienu sejrin bihom biex jitimgħuhom lill-frieħ tagħhom.

Mela, dik il-brimba hija **Tetranjata**...

...u dan **Ġurat tar-Raba** għadu żgħir.

Kemm jien bravu hux!






Denis Cachia




Jekk trid titgħallem iktar fuq l-għasafar li jbejtu f'Malta **The Breeding Birds of Malta** huwa l-ktieb għalik. Għall-bejgħ mill-BirdLife. Prezz €15.

# Kemm idumu biex jitmermru?

**Ħafna skart li narmu fil-baħar idum għexieren, mijiet u anke eluf ta' snin sa ma jitmermer.**




Victor Falzon